

IL-QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Ġunju 2009 — NDSHT vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-152/06) ⁽¹⁾

(“*Rikors għal annullament — Għajjuna mill-Istat — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Ilment ta' kompetitur — Ittri tal-Kummissjoni lil persuna li tilmenta — Għajjuna eżistenti — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibilità*”)

(2009/C 167/18)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: NDSHT Nya Destination Stockholm Hotell & Teaterpaket AB (Stokkolma, l-Iżvezja) (rappreżentanti: M. Merola u L. Armati, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: T. Scharf, aġent)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tinsab fl-ittri tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu u tat-28 ta' April 2006 indirizzati lil NDSHT, relattivi għal ilment dwar għajjuna mill-Istat allegatament illegali mogħtija mill-belt ta' Stokkolma lil Stokkolma Visitors Board AB (Każ CP 178/04 — Allegazzjoni ta' għajjuna mill-Istat favur SVB AB).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) NDSHT Nya Destination Stockholm Hotell & Teaterpaket AB hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 178, 29.7.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Ġunju 2009 — Il-Kummissjoni vs Burie Onderzoek en advies

(Kawża T-179/06) ⁽¹⁾

(“*Klawżola tal-arbitraġġ — Kuntratti konklużi fil-kuntest tal-programm RACE II u ta' programm speċifiku fil-qasam tal-applikazzjonijiet telematiċi ta' interess ġenerali — Rimbors ta' parti mill-ammonti mħallsa bil-quddiem — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Inammissibilità parzjali — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Talba rikonvenzjonali*”)

(2009/C 167/19)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizzjalment A. Weimar u L. Escobar Guerrero, imbagħad W. Roels, aġenti, assistiti minn W. Rupert)

Konvenuta: Burie Onderzoek en Advies BV (Nijeholtpade, L-Olanda) (rappreżentanti: I. van den Berge u A. Appelman, avukati)

Suġġett

Talba, abbażi tal-klawżola tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 238 KE, intiża sabiex tinkiseb il-kundanna ta' Burie Onderzoek en Advies BV għar-rimbors ta' parti mill-ammonti mħallsa bil-quddiem mill-Komunità Ewropea, kif ukoll l-interessi moratorji abbażi ta' żewġ kuntratti ta' finanzjament fil-qasam tat-teknoloġija avvanzata tal-komunikazzjoni fl-Ewropa u tal-applikazzjonijiet telematiċi.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors għar-rimbors tal-ammonti mħallsa bil-quddiem mill-Kummissjoni abbażi tal-kuntratt Barbara (Broad Range of Community Based Telematics Applications in Rural Areas), li għandu r-riferenza “Proġett R 2022”, huwa miċħud bħala inammissibbli, sa fejn huwa dirett kontra Burie Onderzoek en Advies BV, minħabba n-nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tiddeċiedi fuq dan.
- 2) Burie Onderzoek en Advies hija kkundannata, abbażi tal-kuntratt Telepromise (Telematics to Provide for Missing Services), li għandu r-riferenza “Proġett UR 1028”, biex tħallas lill-Kummissjoni s-somma kapitali ta' EUR 109 535,62, barra mill-interessi għaddewmien bir-rata legali applikabbli fl-Olanda mill-31 ta' Awwissu 2001 sad data tal-pagament totali sad-data tal-ħlas sħiħ tad-dejn

3) *It-talba rikonvenzjonali ta' Burie Onderzoek en Advies hija miċħuda.*

4) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

(¹) ĠU C 224, 16.9.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Ġunju 2009 — Frosch Touristik vs UASI — DSR touristik (FLUGBÖRSE)

(Kawża T-189/07) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali FLUGBÖRSE — Data rilevanti għall-eżami ta' raġuni relattiva ta' invalidità assoluta — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 52 (1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2009/C 167/20)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Frosch Touristik GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Lauf u T. Raab, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: B. Schmidt, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: DSR touristik GmbH (Karlsruhe, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-22 ta' Marzu 2009 (Każ R 1084/2004-4) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn DSR touristik GmbH u Frosch Touristik GmbH.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-22 ta' Marzu 2007 (Każ R 1084/2004- 4) hija annullata.*

2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż*

(¹) ĠU C 183, 4.8.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Mejju 2009 — US Steel Košice vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-22/07) (¹)

(“Rikors għal annullament — Għajjuna mill-Istat — Att ta' adeżjoni — Kundizzjoni imposta fuq il-benefiċjarju li jnaqqas il-bejgħ tiegħu ta' prodotti ċatti fl-“Unjoni Estiża” — Ittra tal-Kummissjoni li tinterpreta l-kundizzjoni bħala applikabbli għas-suq Bulgaru u Rumen mid-data tal-adeżjoni tagħhom — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”)

(2009/C 167/21)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: US Steel Košice s.r.o. (Košice, is-Slovakkja) (rappreżentanti: E. Vermulst u S. Van Cutsem, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: K. Gross u T. Scharf, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Slovakka (rappreżentant: J. Čorba, aġent)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2006, sa fejn din tinterpreta l-kundizzjoni imposta fuq ir-rikorrenti li tnaqqas il-bejgħ tagħha ta' prodotti ċatti fl-“Unjoni Estiża” bħala li tapplika wkoll, mill-1 ta' Jannar 2007, għas-suq Bulgaru u Rumen.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *US Steel Košice s.r.o. hija kkundannata sabiex tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.*

3) *Ir-Repubblika Slovakka għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

(¹) ĠU C 56, 10.03.2007